# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Novembru, 2001.**

**Numru 1**

**Avviz numru 1415/97 MM**

**Raymond Vella**

**vs**

**Moby Rentals Limited**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-22 ta' Marzu 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza :-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ippresentat mill-attur fil-11 ta' Lulju 1997 fejn talab lill din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallsu s-somma ta' Lm360 rappresentanti l-prezz ta' xoghol ta' spray li kien inkarigat minghandha jaghmel liema xoghol sar fuq tlett jeeps "Maruti" u truck taghhom.Bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat

Kawtelatorju ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment ma' dan l-avviz, bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri dekorribbli b'effett mill-11 ta' Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

In-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet in linea preliminari li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Art.2148(a) tal-Kodici Civili ;

2. Illi preliminarjament wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba attrici hija ntempestiva,billi l-attur ghadu sallum lanqas biss baghat kont jew invoice, ossija ghamel xi talba ghall-hlas tal-ammont minnu reklamat kontra s-socjeta' esponenti;

3. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija insostenibbli u infondata billi ma huwiex minnu illi l-attur esegwixxa x-xoghol kollu minnu allegat;

4. Illi subordinatament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta' esponenti, it-talba attrici hija wkoll eccessiva, kif jigi ppruvat aktar dettaljament fil-kors tal-kawza, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. Illi, fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi bilanc talvolta dovut lill-attur gie pacut ma' somma ohra dovuta mill-istess attur lis-socjeta' esponenti, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-konvenut qed ipoggi ostakolu ghall-azzjoni attrici tramite l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili li jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika.

F'din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ghal xoghol ta' spray li ghamel fuq vetturi propjeta' tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk jaqa' fl-ambitu tax-xoghol deskritt fl-artikolu fuq imsemmi.
B'referenza ghal dan il-kap,l-attur ighid li x-xoghol fuq il-"Maruti" jeeps sar fis-sajf tal-1996 waqt li x-xoghol fuq it-truck sar f'Ottubru 1995.Fuq dan hu korroborat minn Antoine Grima, haddiem tas-socjeta' konvenuta li kien impjegat maghha bejn

Dicembru 1995 u Gunju 1997.Grima ghen lill-attur fuq ix-xoghol tal-jeeps izda mhux tat-truck li kien diga lest meta beda l-impjieg.

Il-konvenut minn naha l-ohra, jikkontesta dawn id-dati u jghid li x-xoghol sar qabel, fix-xitwa 1995-1996 peress li dak hu z-zmien li l-vetturi jissewwew ghax fis-sajf jkun iridhom biex jinkrew lit-turisti.Fi kwalunkwe kaz, kien offra lill-attur Lm50 ghax-xoghol ta' spray fuq il-jeeps izda l-attur irrifjuta li jaccetthom.Spjega li bejniethom kien hemm relazzjonijiet tajba u qatt ma fitxew ma xulxin. Kien hemm nies ohra li hadmu fuq dawn il-vetturi u mhux l-attur biss u jekk ihallas lilu jkollu jhallas lill ohrajn ukoll.

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali jidher car li x-xoghol fuq il-vetturi ma sarx kollu fl-istess zmien. L-ewwel sar ix-xoghol fuq it-truck f'Ottubru,1995 u wara fuq il-jeeps. Ma hemmx qbil bejn il-partijiet meta sar ix-xoghol fuq dawn l-ahhar vetturi.Pero' ghal dak li jirrigwarda t-truck ma hemmx kontestazzjoni.

Mill-atti jirrizulta li l-ewwel att gudizzjarju maghmul mill-attur biex jikkawtela d-drittijiet tieghu hemm propju dan l-avviz li gie ppresentat fil-11 ta' Lulju1997.Kif gia nghad, ix-xoghol fuq it-truck sar f'Ottubru 1995 ferm qabel it-terminu preskrittiv imsemmi fl-artikolu 2148 tal-Kodici Civili. L-attur jistma x-xoghol tieghu maghmul fuq it-truck fl-ammont ta' Lm60 (ara pagna 12) u ghalhekk ic-cifra minnu mitluba trid tigi mnaqqsa b'din is-somma.

Rigward il-jeeps ghad li ma hemmx qbil bejn il-partijiet meta sar ix-xoghol, Felix Mifsud ghas-socjeta' konvenuta jirrikonoxxi li l-attur hadem fuq dawn il-vetturi u offrielu s-somma ta' Lm50.Din l-offerta hi bizzejjed biex isservi bhala rikonoxximent ta' debitu ghal fini ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni. Fil-fatt, f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet 'Carmelina Vella vs Anthony Borg et" fis-16 ta' Settembru 1994 intqal li kien possibbli ghal debitur li jirrikonoxxi debitu, ghal fini ta' preskrizzjoni, meta l-ammont dovut ma kienx la determinat u l-anqas specifiku (ara wkoll "Henry Micallef et noe vs Michael Zarb noe" P.A. 31.01.1995).

Mifsud ighid li ghamel din l-offerta "xi zmien wara li ghamel ix-xoghol" (ara fol 19) u ghalhekk hu probabbli li bejn iz-zmien li saret l-offerta u l-presentata tal-avviz m'ghaddiex zmien bizzejjed biex jerga jippreskrivi mill-gdid, peress illi fl-aghar ipotesi, x-xoghol sar hafna vicin it-tmintax-il xahar qabel il-presentata.Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda x-xoghol fuq il-jeeps, l-azzjoni ta' l-attur mhix preskritta.

Fl-ahhar eccezzjoni tieghu, l-konvenut qed iqajjem kwistjoni dwar tpacija peress li hemm xi ammonti ta' flus dovuti lilu dwar bejgh ta' vann fejn l-attur zamm xi pagamenti.Mifsud ighid li dwar dan fetah kawza kontra l-attur (vide foll 19).

Is-socjeta' konvenuta qajjmet din l-eccezzjoni fl-isfond ta' l-artikolu 1197 tal-Kodici Civili pero', dana mhux il-mod kif t'opera t-tpacija aktar u aktar meta ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra.

Fil-kawza deciza mill-Prim Awla fit-3 ta' Novembru 1982 fl-ismijiet "Anastasi vs Dixan" il-Qorti qalet li: "Skond l-artikolu 1240 (illum 1197) it-tpacija tista ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett inter alia somma ta' flus li jkunu t-tnejn likwidati u jistghu jintalbu. Jekk is-somma tkun kontestata ma tistax isservi bhala bazi ghat-tpacija".

L-attur ighid li hu minnu li zamm somma ta' flus (ara fol 13), izda l-fatt li dwar dawn hemm kawza pendenti tfisser li ghal issa, l-kreditu dovut lis-socjeta' konvenuta mhuwiex la likwidu u l-anqas esigwibbli u dan hu bizzejjed biex ikun ta' ostakolu ghall-artikolu 1197 fuq imsemmi (ara wkoll "Onor Carm Lino Spiteri vs D.P.W." Appell 25.01.1988).

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, it-tpacija ma tistax t'opera u din l-ahhar eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta tisthoqq li tkun michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, l-attur jghid li qed jippretendi Lm100 ghal kull vettura li hadem fuqha (ara fol 12). Il- "quantum" tax-xoghol ta' spray jiddependi hafna fuq il-kwalita u xoghol ta' kwalita gholja jiswa hafna flus, ferm iktar il Lm100 li qed jippretendi l-attur. Il-Qorti mhix qed tassumi li fuq "jeeps" tal-kiri jsir xi xoghol ta' kwalita gholja, aktar u aktar meta x-xoghol dam sejjer biss gurnata jew tnejn (ara fol 21). Pero' Felix Mifsud mhux qed jilmenta mill-kwalita tax-xoghol, izda semplicement li dehrlu li Lm300 kienet cifra gholja wisq u offra lill-attur Lm50.

Ovvjament, hemm bahar jaqsam bejn dak li talab l-attur u dak li offriet is-socjeta' konvenuta u l-Qorti ma tiskanta b'xejn li l-offerta giet rifjutata. Ma dan kollu, mehud in konsiderazzjoni l-prezz kurrenti tas-suq, il-prezz ta' Lm100 kull karozza mhix xi somma gholja u t-talba tal-attur f'dan ir-rigward tisthoqq li tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' Lm300 u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-istess attur somma fuq indikata rappresentanti l-prezz ta' xoghol ta' spray maghmul mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta'

> konvenuta fuq tlett jeeps "Maruti".Bl-ispejjez u l-imghaxijiet dekorribbli mill-gurnata ta' din is-sentenza, kontra s-socjeta' konvenuta."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta' konvenuta b'aggravju li essenzjalment jirribadixxi l-eccezzjonijiet sollevati minnha quddiem l-ewwel Qorti u li gew minnha michuda. L-ewwel eccezzjoni hi dik tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili. Is-socjeta' appellanti tinsisti illi mill-provi bl-ebda mod ma seta' jigi dedott illi kien hemm xi interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv u li f'kull kaz, anke jekk jigi accettat illi kien hemm f'certu zmien tentattiv biex il-vertenza tigi bonarjament komposta hu fil-gurisprudenza stabbilit illi kwalunkwe offerta li ssir in linja ta' transazzjoni ma kellhiex l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni jew li tigi meqjusa bhala rikonoxximent tad-debitu. Is-socjeta' attrici pero', konvenjentement, tinsa illi l-ahhar eccezzjoni taghha ghat-talba attrici hi fis-sens illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, "kwalsiasi bilanc talvolta dovut lill-attur <u>gie pacut</u> ma' somma ohra dovuta mill-istess attur lis-socjeta' (appellanti), kif jigi ppruvat aktar dettaljament fil-kors tal-kawza".

Issa hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza illi l-eccezzjoni tat-tpacija kienet inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Gie infatti hekk ritenut :- "L-artikolu 1196 tal-Kap.16 jistabilixxi li meta tnejn min-nies huma

debituri lejn xulxin, isir bejniethom it-tpacija ipso jure. Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu indaqs". L-artikolu 1197 tal-Kap. 16 jistabilixxi illi t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus ……. u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. Minn dan naraw illi l-eccezzjoni tat-tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss m'ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kredituri. Ghalhekk l-eccezzjoni tat-tpacija sollevata mill-konvenut ixxejjen l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni blli ma jistax ikun hemm tpacija kemm-il darba l-kreditu mhux dovut ghax dan huwa preskritt (Marianna Spiteri et vs Joseph Vella, deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-3 ta' Mejju 1993).

"Importa non la ricognizione del debito ma la negazione di esso, l'affermare che quel debito e' estinto mediante la compensazione con un credito maggiore e per fini dell'interruzione della prescrizione o della rinunzia alla stessa non si deve esaminare se l'asserto credito dedotto in compensazione sia reale oppure no. Siccome la prescrizione mette capo alla coscienza individuale e la ricognizione o lo rinunzia deve risultare da un atto univoco del debitore che riconosce il diritto od il credito del creditore" (Volum. XXIII.i.720).

“Imma l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni timporta r-rikonjizzjoni tad-dejn u tali rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzzjoni u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja’ kompjuta” (Volum XXXIV.i.326). “L-eccezzjoni tal-pagament mhix inkopatibbli ma’ dik tal-preskrizzjoni. Hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew tal-kompensazzjoni” (Volum XXX.i.964).

“L-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, jekk tinghata wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju tal-preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess il-konvenut li jeccepixxi l-kompensazzjoni jigi li jirinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b’semplici riserva. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhix aktar ammissibbli jekk il-konvenut in segwitu ghaliha jopponi l-kompensazzjoni” (Volum XLIV.ii.519). “La compensazione e’ una specie di pagamento, e non si paga un debito quando lo si vuol lasciare prescrivere” (Troplong Prescrizione para 66 u 618(8).

Din ir-rassenja gurisprudenzjali, li mhix ezawrjenti, hi bizzejjed biex tinnewtralizza ghal kollox l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dan l-aggravju qed jigi ghalhekk michud.

Aggravju konness ma' dan l-ewwel wiehed hu dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tat-tpacija. Is-socjeta' appellanti tissottometti illi x-xoghol u s-servizzi li kienu jigu provduti reciprokament mill-kontendenti kienu kollha jsiru ex gratia minghajr ebda pretensjoni kontra xulxin. Dan ghaliex il-kontendenti kienu hbieb kbar u ghal kull bzonn li kien jinqala' kienu jfittxu li jghinu lil xulxin. Din il-Qorti difficilment tifhem kif dawn il-premessi jistghu iservu ta' fondament ghall-eccezzjoni tat-tpacija meta dak li effettivament qed issostni s-socjeta' appellanti hu illi ma kienux jezistu djun reciproci : propriju l-antitesi tal-istitut tat-tpacija. F'kull kaz m'hemmx ghalfejn wiehed jissottolineja illi l-eccezzjoni tat-tpacija ex lege u ipso jure, kif tippretendi li sehhet is-socjeta' appellanti, setghet biss issir bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. Hu ghalhekk qed jigi ritenut illi "imma l-kompensazzjoni ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' krediti li ma kienux ammessi mill-parti l-ohra" (Volum XXXVII.i.490) (l-Avukat Dr. Jose' Herrera noe vs Victor Tabone noe, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1995).

Hu car ghalhekk illi ma jirrizultawx f'din l-istanza l-estremi biex tkun tista' ssir il-kompensazzjoni gjudizzjali. Inoltre anke kieku dawn l-estremi kienu jirrizultaw, tali likwidazzjoni ma kienitx wahda ta' facili spedizioni. "Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi. Inoltre 'ghalkemm il-likwidita' taz-zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali

izda, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott fil-kompensazzjoni mhix facli u spedita, dik il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment akkolta' (Volum XXXVII.i.490, Volum XVII.iii.4) u fil-kawza Ellul vs Scicluna, appell 11 ta' Frar 1903 (Volum XVIII.i.79). Gie ritenut li "l'eccezione della compensazione giudizziale non e' ammissibile quando il credito di chi lo deduce sia di lunga liquidazione (Volum XVIII.i.79)" (Avukat Dr. John Mamo noe vs Edward Borg pro et noe, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Gunju 1990. L-aggravju tat-tpacija ghalhekk qed jigi wkoll rigettat.

Aggravju iehor tas-socjeta' appellanti hu illi l-ewwel Qorti illikwidat ammont eccessiv. Dan hu fil-fehma ta' din il-Qorti apprezzament ta' fatt illi jiddependi fuq l-evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Zgur li mhux kompitu ta' din il-Qorti ta' revizjoni illi tiddisturba tali apprezzament jekk mhux ghal raguni serja. F'dan l-aspett jidhrilha li kellha tistrieh fuq il-gudizzju tal-ewwel Qorti li jidher wiehed bilancjat u oggettiv u li jirrifletti r-rejaltajiet tal-lum, f'dawk li huma esigenzi u valur ta' xoghol ezegwit. Infatti l-attur fir-risposta tal-appell tieghu elenka varji motivi ghaliex l-ammont minnu reklamat kien gustifikat u konsidrat li ma jidhirx li kien hemm ilment mill-kwalita' tax-xoghol almenu fi zmien utili, il-prezz mitlub kellu jitqies li kien wiehed gust u dana anke konsidrat in-numri ta' vetturi li fuqhom sar ix-xoghol. Hi wkoll f'postha l-osservazzjoni tal-attur illi l-element ta' hbiberija fl-inkarigu, anke jekk kien jezisti, ma kellux jimmilita kontra li jsir hlas gust ghal xoghol

ezegwit sewwa u skond l-inkarigu. Dana bl-applikazzjoni tal-principju "omne labor optat premium". Dan l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, u wkoll ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mg